# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 177/2022/1 NC**

**Union Ħaddiema Maqgħudin**

**vs.**

**Il-Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropew;**

**Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropew;**

**u**

**Id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi fi Ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropew**

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tnejn 21 ta' Frar 2022**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrenti Union Ħaddiema Maqgħudin (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fis-7 ta' Frar 2022 fejn il-Union rikorrenti talbet li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli:

*"minnufiħ iwaqqfu l-prosegwiment tas-sejħa għall-espressjoni ta' interess maħruġa nhar l-14 ta' Jannar tas-sena 2022 mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropew tramite ċirkolari Nru. HR/MFEA/01/2022 bir-Referenza Nru. 11207/01/2022 u kull pass, proċess u xort'oħra ta' att sussegwenti għaliha intiż sebiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha, billi, fost oħrajn, minnufih jitrażżnu milli jipprosegwu bil-laqgħat mal-applikanti li esprimew l-interess tagħhom kif mitlub bis-saħħa tal-imsemmija sejħa għall-espressjoni ta' interess, u jekk diġa' saru xi laqgħat ma' xi applikant minn dawn, minnufieħ jieqfu milli jsiru iżjed laqgħat, sew dawk għall-ewwel darba kemm għal kull laqgha sussegwenti ma' xi applikant individwali wara laqgħa li tkun diġa' saret, u milli jżommu l-eżamijiet sew bil-miktub kemm xort'oħra intiżi, li joqogħdu għalihom l-imsemmijin applikanti, u eventwalment milli jagħżlu l-applikanti magħżulin sabiex joħolqu l-imsemmija riserva ta' uffiċċjali pubbliċi u impjegati fis-settur pubbliku li jistgħu, wara li jintgħażlu, jissejħu sabiex iwettqu dmirijiet ta' attaché, kif aħjar imfisser 'il quddiem f'dan ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, u jitrażżnu milli joħorġu sejħiet bħal din jew minkejja li xort'oħra, li jkollhom effetti simili fuq il-klassi diplomatika stabbilita' bis-saħħa tal-ftehim settorali milħuq u miftiehem nhar it-23 ta' Awwissu tas-sena 2019 bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u r-Rikorrenti dwar il-Klassi Diplomatika, u daħal fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar tas-sena 2019."*

Rat id-Digriet tagħha tas-7 ta' Frar 2022 fejn il-Qorti laqgħet it-talba proviżorjament, ordnat notifika tar-Rikors bi żmien għar-Risposta u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tas-17 ta' Frar 2022.

Rat ir-Risposta tal-intimati Il-Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropew, Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropew, u Id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi fi Ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropew (*a fol.* 33 *et seq.*), liema Risposta ġiet ippreżentata fis-16 ta' Frar 2022 fejn l-intimati opponew għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni u dan għal diversi raġunijiet hemm elenkati.

Semgħet, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2022, is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

**Ikkunsidrat**

Illi l-għan ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lil parti li titlob il-ħrug tal-mandat. Bil-liġi jeħtieġ li biex ir-rikorrent ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' mandat bħal dak, huwa għandu juri s-segwenti:

- li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrenti ser isofri preġudizzju;

- li r-rikorrent ikun jidher li għandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.

B'żieda ma' dawn, fir-rigward tar-Rikors odjern, peress illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat tkun qiegħda ssir kontra l-Gvern ta' Malta jew kontra xi persuna b'kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, ir-rikorrenti jeħtieġ li wkoll tissodisfa l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-elementi ta' dan is-sub-Artikolu huma s-segwenti:

- li l-awtorita' jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat tikkonferma fil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir,

- li l-Qorti tkun sodisfatta li kemm-il darba ma jinħarigx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.

Illi l-elementi kollha msemmija hawn fuq huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak. *In oltre* huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat, il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita.

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fil-kuntest ta' dak li ngħad hawn fuq huwa ċar u ben stabbilit. Il-Qorti tenfasizza illi kull eżami li tagħmel hi f'dan l-istadju jibqa' limitat għal dak li jidher mad-daqqa t'għajn, b'dana illi l-vertenza fil-mertu tibqa' riżervata għal dik il-Qorti li eventwalment tiġi adita bil-kawża.

**Ikkunsidrat**

Illi, minkejja l-eċċezzjonijiet preliminari elenkati fir-Risposta tal-intimati, il-Qorti ser tagħżel li tidħol direttament fil-mertu tal-mandat odjern u dana mingħajr ma tikkunsidra għalissa jekk, fost l-oħrajn, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej huwiex il-leġittimu kontradittur kif jingħad fir-Risposta msemmija. Dan jiġi kkunsidrat, jekk ikun hemm ħtieġa, aktar il-quddiem f'dan id-digriet.

Illi jirriżulta li fl-14 ta' Jannar 2022 inħarġet sejħa għall-espressjoni ta' interess fejn uffiċjali pubbliċi u impjegati fis-settur pubbliku ġew mistiedna sabiex min hu mħajjar jesprimi l-interess tiegħu li jitqies sabiex iwettaq dmirijiet ta' *attaché* f'waħda mill-missjonijiet barranin tar-Repubblika ta' Malta bil-għan li għal żmien sentejn wara l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-applikanti tinħoloq riżerva ta' uffiċjali pubbliċi u impjegati fis-settur pubbliku minn dawk l-applikanti magħżulin u dana bil-kondizzjonijiet elenkati fis-sejħa msemmija (Dok. "Ċ" – *a fol.* 19 *et seq.*).

Illi, da parte tagħha, il-Union rikorrenti ssostni, fost l-oħrajn, hekk: *"l-imsemmija sejħa għall-espressjoni ta' interess minn biss dawk f'karigi pubbliċi u impieg fis-settur pubbliku kollha u fl-eventwalita' li tassew tinħoloq ir-riserva u jissejħu dawk l-applikanti magħżulin minn tali riserva skont il-ħtieġa tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropew sabiex jaqdu d-dmirijiet elenkati fl-imsemmija sejħa […] ħa toħloq diskriminazzjoni bejn dawk li jokkupaw waħda mis-sitt karigi jew min minnhom li tagħmel mal-klassi diplomatika skont l-imsemmi ftehim settorali li jorbot lill-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bħala firmatarju, u l-applikanti magħżulin skont is-sejħa, li b'hekk, sew jekk bil-għan jew xort'oħra, se tissoverti u taqbeż il-parametri, gradazzjoni u ġerarkija stabbiliti tal-klassi diplomatika jew uħud minn dawk is-sitt karigi u lill-okkupanti attwali u futuri ta' dawk il-karigi b'karriera diplomatika fil-*

*gradi u skali tal-paga relattivi kif stabbiliti …"* (*a fol.* 3). Il-Union rikorrenti tisħaq li se tiġi ppreġudikata jekk l-intimati ma jiġux inibiti milli jagħmlu dak li qed jintalab li jiġi inibit.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-elementi neċessarji sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' il-ħruġ tal-mandat odjern, il-Qorti tirrikonoxxi illi fis-seduta tas-17 ta' Frar 2022 (*a fol.* 73 *et seq.*):

- xehed Christopher Cutajar (Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej) fejn ikkonferma bil-ġurament li l-proċess li jsir riferenza għalih fir-Rikors kien *on hold;*

- wieħed mill-konsulenti legali tal-intimati vverbalizza hekk: *"s-sejħa għal espressjoni ta' interess mertu ta' dawn il-proċeduri diġa' ġiet sospiża qabel ma ntlaqa' l-mandat proviżorjament u l-intenzjoni tal-intimati hija li sakemm jiskatta l-mekkaniżmu ta' konċiljazzjoni, is-sejħa għal espressjonijiet tibqa' sospiża".*

Illi l-Qorti tirrikonoxxi wkoll li, fl-istess seduta msemmija, ġie vverbalizzat minn wieħed mill-konsulenti legali tal-intimati li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni li r-Rikors ikompli jinstema'. Għal kull buon fini, il-Qorti tinnota li dan ġara wara li l-konsulenti legali tal-Union rikorrenti ma kienux sodisfatti minn dak li kien għadu kemm ġie verbalizzat u b'hekk sostnew li r-Rikors kellu jkompli jinstema'.

Illi fir-rigward tal-elementi l-oħra li huma neċessarji sabiex jintlaqa' il-mandat odjern, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Il-Union rikorrenti tidher li għandha *prima facie* il-jeddijiet pretiżi minnha u dana *stante* li jidher li s-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess għal kariga ta' *attaché* tista' taffettwa l-jeddijiet tagħha, liema jeddijiet joħorgu mill-ftehim settorali dwar il-klassi diplomatika milħuq u maqbul fit-23 ta' Awwissu 2019 bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u r-rikorrenti bħala *trade union* reġistrata kif trid il-Liġi (Dok. "A" – *a fol.* 4 *et seq.*).

- Jirriżulta li r-Rikors odjern ġie ppreżentat sabiex jitħarsu dawn il-jeddijiet.

- M'huwiex eżattament ċar x'inhu l-preġudizzju rrimedjabbli li l-Union rikorrenti ser issofri jekk il-mandat odjern ma jintalaqx. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li jirriżulta li hemm diversi uffiċjali fis-servizz pubbliku li jaqdu l-kariga ta' *attaché* barra minn Malta li mhux kollha jiffurmaw parti mis-servizz diplomatiku iżda jinsabu hemm sabiex jassistu lis-servizz diplomatiku fix-xogħol tagħhom.

  Fi provvediment mogħti fis-16 ta' Diċembru 2016 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 1710/2016 fl-ismijiet **Mary Grace D'Amato née Micallef vs. Raymond sive Ray u Georgina sive Gina konjuġi Micallef**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet is-segwenti:

  > "[i]l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat".

- Dwar il-fatt li l-Qorti għandha tkun sodisfatta li kemm-il darba ma jinħarigx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma, il-Qorti tikkondividi ma' dak li ngħad fir-Risposta tal-intimati meta ngħad hekk:

  > *"Illi b'żieda ma' dan meta tikkumpara l-allegat preġudizzju li ser jiġri lir-rikorrent f'kuntrast ma' l-effett katastrofiku li din il-miżura jista' jkollha fuq missjonijiet Maltin barra minn xtutna wieħed jista' jasal biex jikkonkludi illi l-effett fuq l-istat huwa wieħed sproporzjonat. Illi jekk ċertu missjonijiet ikunu understaffed nies Maltin li jgħixu barra u jkollhom bżonn l-għajnuna ta' servizzi konsulari mhux ser*

> *ikunu jistgħu jinqdew u tabilħaqq ma nistgħux ninsew l-effett li nuqqas ta' staff jista' jkollha fuq il-politika barranija tar-Repubblika ta' Malta".*

Illi, meħud in konsiderazzjoni l-fatt li l-elementi sabiex jiġi milqugħ ir-Rikors *ossia* Mandat ta' Inibizzjoni huma kumulativi u mhux alternattivi, *stante* li jirriżulta li mhux l-elementi kollha jirriżultaw fir-rigward tar-Rikors odjern, il-Qorti ser tiċħad b'mod definittiv tali Rikors. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti mhijiex ser tagħmel l-ebda konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-eċċezzjonijiet imsemmija aktar il-fuq.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tagħha tas-7 ta' Frar 2022 u tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 177/2022/1 fil-konfront tal-intimati.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrenti Union Ħaddiema Maqgħudin.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**